**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL. D., Mag.Jur. (Int.Law)**

**Il-Pulizija**
**-vs-**

**Samuel Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identità Numru 529871M**

***Każ Dwana Nru.1949/2024***

Illum, **01 ta' April, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Samuel Camilleri** u ċioe`:

F'isem <u>Il-**Kontrollur tad-Dwana** talli</u> –

1) Fil-15 ta' Marzu 2018, ġewwa Ħal Qormi, wara intervent u tfittxija li saret mill-Uffiċjali tal-Pulizija f'vettura tal-għamla Peugeot Partner bin-numru ta' reġistrazzjoni **LCV 017** li ġiet interċettata fi Triq Ħal Luqa, Ħal Qormi, xjentement instab li kellu fil-pussess tiegħu u/jew taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll laqa' għandu, żamm jew ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożt ta' **sigaretti bla dazju,** fi kwantità' kif deskritt hawn taħt, u dan, bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn **Dazji** u **Taxxa** li jkun imiss jitħallas fuqhom, jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti :

*24 kaxxa b'50 kartuna b'200 sigarett kull kartuna kull kaxxa – "Tradition"*

L-importazzjoni u l-pussess ta' dawn is-sigaretti huma pprojbiti u/jew ristretti. Dawn għandhom **valur totali ta' €6,960.00 u Dazju tas-Sisa €41,966.40, Dazju ta' Importazzjoni €4,008.96 u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) €9,528.36,** liema dazji u taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur tal-Artikoli 60 (a), (b), (k), 62 (f), (g), (h), (i) u (k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62, 68 (1), 69 (1), (2) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 16(1)(j), 17 (1)(a) u (d), 17 (2), Regolament 7 tat-Taqsima Ċ fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 80 tal-Att XXIII tal-1998 Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Ukoll fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud –</u>**

2) Talli fil-15 ta' Marzu 2018, ġewwa Ħal Qormi, wara intervent u tfittxija li saret mill-Uffiċjali tal-Pulizija f'vettura tal-għamla Peugeot Partner bin-numru ta' reġistrazzjoni **LCV 017** li ġiet interċettata fi Triq Ħal Luqa, Ħal Qormi, xjentement instab li kellu fil-pussess tiegħu u/jew taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll laqa' għandu, żamm jew ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożt ta' **sigaretti bla dazju,** fi kwantità kif deskritt hawn taħt, u dan, bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn **Dazji** u **Taxxa** li jkun imiss jitħallas fuqhom, jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti :

*24 kaxxa b'50 kartuna b'200 sigarett kull kartuna kull kaxxa - "Tradition"*

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, għandhom valur totali ta' €6,960.00, Dazju tas-Sisa dovut ta' €41,966.40 kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni ta' €4,008.96 u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T) ta' €9,528.36, liema Dazji u Taxxa ma kienux ġew mħallsa u/jew kawtelati u dan bi ksur tal-Artikoli 60(a), (b), (k), 62(f), (g), (h), (i) u (k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62, 68 (1), 69 (1), (2) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 16(1)(j), 17 (1)(a) u (d), 17 (2), Regolament 7 tat-Taqsima Ċ fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 80 tal-Att XXIII tal-1998 Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija , barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esibiti.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-8 t'April, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**Il-Provi**

**Christopher Galea,** uffiċjal mil-Legal Office tad-Dipartiment tad-Dwana, esebixxa *letter to prosecute* maħruġa mid-Direttur Ġenerali tad-Dwana. L-istess xhud ippreżenta wkoll *Seizure Note* numru 62/2018 rigward 24 kaxxa b'50 kartuna b'200 sigarett kull kartuna, kull kaxxa tal-għamla '*Tradition,*' kif ukoll *Seizure Note* oħra numru 63/2018 fir-rigward ta' vettura Peugeot Partner, numru ta' reġistrazzjoni LCV 017, liema *Seizure Notes* kienu maħruġa bil-firma tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana.[1]

**Mario Abela,** mill-uffiċju tal-*valuations* fi ħdan id-Dwana, ppreżenta stima tal-oġġetti maqbuda.[2]

**Paul Scicluna,** rappreżentant mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ippreżenta *letter to prosecute* fil-konfront tal-imputat, maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi.[3]

**Spettur (illum Assistent Kummissarju) Keith Arnaud** spjega kif nhar il-15 ta' Marzu, 2018 għall-ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu, kien ma' kollegi tiegħu qed jagħmlu tfittxija għal persuna mhux relatata ma' dan il-każ. Kienu qed jaħdmu fuq informazzjoni li din il-persuna setgħet kienet qed tuża vann bin-numru LCV 017. Kif kienu telgħin Luqa Road, Qormi u waslu ħdejn il-pompa tal-petrol *G. Gaffarena* fid-direzzjoni lejn Ħal Luqa, il-pulizija lemħu l-vann bin-numru LCV 017 nieżel fid-direzzjoni opposta lejn ir-*roundabout* tal-

[1] Verbal a fol. 5. **Dok.CG1** a fol. 47-49.
[2] Verbal a fol. 284. **Dok.MA** a fol. 288-290
[3] Verbal a fol. 89. **Dok.PS** a fol. 91-92

Mgħallaq. Il-pulizija għamlu *U-turn* u marru waqqfu l-vann li kien misjuq mill-imputat. Ix-xhud spjega li induna li s-sewwieq ma kienx il-persuna li l-pulizija kienu qed ifittxu. Meta mistoqsi dwar min kien is-sid tal-vann, is-sewwieq wieġeb "ma nafx" u meta mistoqsi għad-dettalji tiegħu reġa' wieġeb "ma nafx." Ix-xhud ordna l-arrest tal-imputat li ddaħħal ġol-karozza tas-servizz, waqt li Arnaud saq il-vann li kien mimli kaxxi bojod tal-kartun li dehru magħluqin. Fit-triq lejn il-bitħa tas-CID, waħda minn dawk il-kaxxi waqgħet 'l barra wara li nfetħet il-bieba tal-vann. Ix-xhud spjega li kien ġabar dik il-kaxxa u poġġieha fuq is-sedil tal-passiġġier fuq quddiem fil-vann. Kif waslu fil-bitħa tas-CID, Arnaud ta *handover* lill-kollega l-ispettur Kurt Zahra. Aktar tard kien infurmat illi l-kaxxi kollha ta' ġol-vann kienu mimlijin sigaretti allegatament tal-kuntrabandu.[4]

**PC 385 Emanuel Dalli** spjega illi nhar il-15 ta' Marzu, 2018 kien mitlub jassisti bħala *Scene of Crime photographer* billi jieħu ritratti tal-vann bin-numru LCV 017 u tal-kontenut tiegħu fil-bitħa tas-CID.[5]

**Spettur Kurt Zahra** spjega illi nhar il-15 ta' Marzu, 2018 għall-ħabta tal-ħdax u għoxrin, kien infurmat mill-ispettur Keith Arnaud li waqt operazzjoni tas-CID kien waqqaf vettura bin-numru LCV 017 u li s-sewwieq ma kienx qed jikkoopera mal-pulizija. Fil-fatt, lanqas kienu stabbilixxew id-dettalji tiegħu. Wara li ngħata *handover* minn Arnaud, Zahra kellem lis-sewwieq li tah id-dettalji personali tiegħu. Is-sewwieq ġie identifikat bħala Samuel Camilleri, jiġifieri l-imputat. Il-vann kien jgħajjat lil ċertu Clyde Micallef. Il-kaxxa ta' wara tal-vann kienet mimlija kaxxi tas-sigaretti tal-marka '*Tradition*'. Peress illi n-numru ta' kaxxi qajjem suspett ta' kuntrabandu, ix-xhud waqqaf it-tfittxija, informa lill-*Economic Crime Unit* u ta *handover* lill-ispettur Matthew Vella.[6]

**Antonella Muscat,** fizzjal fl-*Enforcement Unit* fid-Dipartiment tad-Dwana, xehdet illi fil-15 ta' Marzu, 2018, il-pulizija ċemplu lill-uffiċju tagħhom peress illi kienu sabu vann Peugeot Partner li kellu sigaretti bla dazju tal-għamla '*Tradition.*' Ix-xhud, flimkien mal-kollegi u s-superjuri tagħhom, marru id-depot fejn raw is-sigaretti, għoddewhom u ħarġu żewġ *Withheld Forms* tad-Dwana, waħda għas-sigaretti u l-oħra għall-vann. Ix-xhud spjegat lill-imputat għalfejn kienu qed isiru dawk id-dokumenti. Hu irrifjuta li jiffirma fuq iż-żewġ dokumenti fil-preżenza tal-istess xhud u tal-ispettur Matthew Vella mill-*Economic Crimes Unit.* [7]

---

[4] Fol. 95-96

[5] Fol. 99-100. **Dok.ED** a fol. 101-152.

[6] Fol. 182-184

[7] Fol. 185-187. **Dok.AM-AM1** a fol.188-189

**Spettur Matthew Vella** spjega illi bħala *duty officer* fl-*Economic Crimes Unit* nhar il-15 ta' Marzu, 2018, kien kompla bl-investigazzjoni billi talab l-assistenza tad-dipartiment tal-Forensika biex jinħatt il-vann u jiġi fotografat il-proċess kollu. Ġie stabbilit li ġol-vettura bin-numru LCV 017 kien hemm erbgħa u għoxrin *master case* tal-marka '*Tradition*', li tlieta u għoxrin minnhom kienu fuq wara tal-vann u waħda kienet fuq is-*seat* tal-passiġġier ta' quddiem. Fiċ-ċirkostanzi, talab l-assistenza tad-Dipartiment tad-Dwana li ħadu s-sigaretti kollha, kif ukoll il-vann u ħarġu żewġ riċevuti rispettivament.[8] Tfittxija fir-residenza tal-imputat dakinhar stess, irriżultat fin-negattiv. L-investigazzjoni kompliet ukoll fil-konfront ta' sid il-vettura, Clyde Micallef, iżda rriżultat fin-negattiv. L-imputat ingħata d-drittijiet kollha tiegħu u għażel li ma jwieġeb għall-ebda domanda waqt żewġ stqarrijiet li ttieħdulu.[9]

**Stephen Cachia,** in rappreżentanza ta' Transport Malta, xehed illi minn riċerka li għamel irriżulta illi l-vettura bin-numru LCV 017 hija vann Peugeot Partner abjad, li kienet ilha irreġistrata fuq Clyde Micallef mill-4 ta' Jannar, 2016.[10]

**Clyde Micallef** spjega illi f'Marzu 2018 kien jiġġestixxi ħanut tal-merċa f'Bormla bi sħab ma' terza persuna. Kienu xtraw il-vettura Peugeot Partner bin-numru LCV 017 f'ismu, biex tintuża għall-ġarr tal-i*stock* tal-ħanut. Spjega li l-vann ma kienx fil-kontroll tiegħu iżda kien għall-użu tal-ħanut. Mistoqsi jekk kienx jaf lil ċertu Samuel Camilleri, ix-xhud wieġeb fin-negattiv. Spjega li ma kienx għamel it-*transfer* tal-vettura sforz traskuraġni.[11]

**PC 169 Jurgen Schembri,** xehed illi nhar l-1 t'Awwissu, 2018, kienu konsenjati lilu mill-ex PS 659 Jeffrey Hughes, 24 dokument konsistenti f'kaxxi tal-kartun vojta, ta' lewn abjad bil-kliem '*Tradition,*' biex jagħmel eżamijiet kimiċi u viżwali għall-possibilità ta' żvilupp ta' impronti diġitali. Hu spjega li ġew żviluppati 8 impronti.[12]

**PS 266 Stephan Decelis,** mill-*Economic Crimes Unit,* spjega li dakinhar stess tal-arrest tal-imputat, saret tfittxija fir-residenza ta' omm l-imputat f'Ħal Qormi, liema tfittxija irriżultat fin-negattiv għal sigaretti tal-kuntrabandu. L-għada ittieħdet l-ewwel stqarrija lill-imputat wara li ngħata d-drittijiet tiegħu. Fis-17 ta' Marzu, 2018, ittieħdet it-tieni stqarrija wara li l-imputat reġa' ngħata d-drittijiet tiegħu. Hu għażel li ma jwieġeb l-ebda mistoqsija, kif ukoll ma ffirma l-ebda dikjarazzjoni u stqarrija.[13]

---

[8] Ibid

[9] Fol. 26-30 u fol.32-36.

[10] Fol.195-196. **Dok.SC** *Vehicle Details/Vehicle History Details* a fol.197-202

[11] Fol. 203-205

[12] Fol.223-226. **Dok.JS** a fol. 227-264

[13] Fol.265-269

**L-imputat Samuel Camilleri** għażel li jixhed u spjega illi nhar il-15 ta' Marzu, 2018 kien għamel xi qadjiet u wara mar Ħal Qormi biex jieħu te` u jixtri is-sigaretti mill-*Café Riche Bar*. Kompla jispjega illi :

> *"Waqt li qiegħed hemm inzertajt iltqajt ma' ċertu Ġanni Azzopardi, ix-Xalun…. Dan ilni nafu, nafu l-kors taż-żwiemel insomma u dan. U waqt li qed nitkellmu, bejn ħin u ieħor, qalli, naf li għamel telefonata, qalli, "Tista' tagħmilli pjaċir?" Għidtlu, "x'għandek bżonn?" jiena. Qalli, "Għandi vann kemm tnizziluli waħda." Għidtlu, "Jiena għandi l-karozza hawnhekk." Qalli, "le, inwasslek jiena," hu. Għidtlu, "Fejn trid tieħdu?" jiena. Qalli, "Issa nwasslek għalih jien," għandi ritratt hawn fejn, Ħal Farruġ, "u tnizziluli ħdejn il-garaxx tiegħi, l-Imrieħel, Fleur de Lys." Fhimt? Tlajna jiena u hu flimkien normali, waqqafni parallel mal-vann lili, naqra 'l hawnhekk, u urieni liema hu l-vann. Għidtlu, "Għandek iċ-ċavetta?" Qalli, "le, kemm tifthu u hemm iċ-ċavetta taħt it-tapit," lili. Fhimt? Għidtlu, "Fejn ħa nniżlu?" Qalli, "Niżżlu l-garaxx," għax jien naf fejn hu l-garaxx tiegħu għax ġieli kont għandu, inkun għandu jiena hemmhekk insomma. Tlajt jien, startjajt, xħin rani li startjajt qalli jekk hux allright, għidtlu, "all right." Qalli, "Kemm għandi qadja l-Imqabba, nitla' u ninżel," qalli, "stennieni hemm fuq ħdejn il-garaxx lili." Startjajt u tlaqt 'l isfel u ġbidt 'il isfel jien, minn Ħal Farruġ ġbidt lejn Valletta Road jew Luqa Road x'isimha inti u nieżel lejn il-pompa ta' Gaffarena, ħriġt minn hemmhekk, dort ir-roundabout u nieżel 'l isfel. Jiena u nieżel 'l isfel xħin ħa naqbad il-pompa eżatta ta' Joey Gaffarena eżatt nara ħafna vannijiet tal-pulizija ġejjin, iċċirkondaw il-vann fuqi, u bdejt nara balla machine guns dakinhar, vuoldieri jistgħu jixhdu l-pulizija stess, machine guns u pulizija b'wiċċhom mgħotti, b'wiċċhom mgħotti kollu, tefgħuni mal-art. Dak il-ħin jiena ġejt taħt xokk totali, bdejt nara konxju x'inhu jiġri imma qisni ħalqi immutali dak il-ħin jiena, fhimt? U minn dak il-ħin insomma bdew jiġu ħafna pulizija u dan, tela' xi wieħed jew spettur min kien, tela' saq il-vann, l-ewwel jaraw x'fih il-vann, kien hemm xi kaxxi ġo fih wara, u lili tellgħuni ġo karozza tal-pulizija, fuq wara……u saquna lejn id-depot. Naf li aħna u neżlin waqgħu xi kaxxi minn ġol-vann jew x'waqgħu, it-triq tax-Xatt ….. waqgħet xi kaxxa, ma nafx kemm waqgħu, u waqaf l-ispettur u ġabarha din il-kaxxa jew kemm kellu u xeħithom fis-seat tal-passiġġier, u kompla jsuqu lejn id-depot.*[14]

Meta sab ruħu ċċirkondat minn dawk il-vannijiet suwed u pulizija bil-maskra, kien ixxokkjat. L-imputat spjega li Azzopardi qatt ma nformah x'kien hemm fil-vann:

> *"Difiża: U l-persuna, jiġifieri inti identifikajtu?*
> *Ix-xhud: Iva.*
> *Difiża: Il-persuna li qallek biex issuq dan il-vann.*
> *Qorti: Ix-Xalun.*
> *Ix-xhud: Eh.*
> *Difiża: Infurmak x'kien hemm fil-vann?*

[14] Verbal a fol. 364. Xhieda a fol. 364(A) – 364 (F)

*Ix-xhud: Le, qatt ma infurmani. Imbagħad wara, maż-żmien imbagħad beda ġej id-diskors, fhimtni? Għax jien wara avviċinajtu lilu. Wara beda ġej id-diskors. Jien lili kulma qalli kemm inwassallu l-vann biss, kemm inwassallu l-vann minn hemmhekk sa ħdejn il-garaxx tiegħu, fhimtni? Għidtlu, "Trid twassalni għax jien m'għandix biex ninżel." Għax il-karozza tiegħi ipparkjata Ħal Qormi kienet ħdejn il-bar ta' Café Riche. Jien ma kellix biex ninżel, hu jrid iwassalni 'l isfel.*
*Difiża: U xi fthemtu fuq kif ħa jwasslek 'l isfel?*
*Ix-xhud: Hu qalli, x'ħin ħadt il-vann qalli, "għandi qadja hawn fuq malajr, l-Imqabba, qrib," għax hemmhekk m'hemmx bogħod, qalli, "u nibqa' nieżel, kemm tistennieni." Fhimtni? Qalli ipparkja l-vann it-triq tiegħu fejn il-garaxx u stennieni hemmhekk. Fhimt? Jien x'kellu ġo moħħu hu, ma nafx. Fhimtni?"*[15]

In kontro-eżami, l-imputat kompla jispjega illi meta kienu qegħdin Café Riche, ix-Xalun beda jgħidlu:

*"Għandi tlett itfal, ma tieħu xejn minnhom, ħadd ma jaqdik xejn." Fhimtni? Jien ma nafx x'aġenda kellu, Spettur. Jiena x'għamilt jien naf.*[16]

L-imputat kompla jispjega illi ġieli kien ikun għand Azzopardi.

*"Darba minnhom wassaltlu vann ieħor. U ġieli ġabulu xi dawn, aw, energy drinks, affarijiet, imma jien ma nkunx naf xi jkollu."*[17]

L-imputat spjega illi meta ttieħed id-depot dakinhar tal-arrest, ipprova jitkellem iżda qalulu biex jistenna sakemm jaslu l-avukati tiegħu. Hu jgħid li dejjem fittex pariri legali. Kompla jispjega li wara l-akkadut, kien avviċina lil Azzopardi, iżda dan kien dejjem iġiblu l-iskużi.

*"…. qalli li tradewh lili, minn kollox beda jgħidli. U sirt naf li kellu każ fuq is-sigaretti ukoll jiena, għax jien kollox sirt naf maż-żmien. Dan seta' joħroġ minnha xħin irid għax dan lanqas ċwievet ma kellu …. <u>Dan ma messux il-vann, fl-ebda ħin. Hu just wassalni hemmhekk…U fil-fatt meta kont inkellmu wara jien kien jgħidli, "ingiddbek lilek!" ... Tkellimt miegħu, ċempiltlu, mort għandu l-garaxx, kellimtu kemm-il darba."</u>*[18] (sottolinear tal-Qorti)

L-imputat qal illi dan Azzopardi kien fil-fatt miet xi xhur wara l-akkadut, waqt li hu ilu fuq sitt snin tiela' u nieżel il-Qorti minħabba dan il-każ.

[15] Verbal a fol. 364. Xhieda a fol. 364(A) – 364 (F)
[16] ibid
[17] ibid
[18] ibid

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Ikkunsidrat,

Il-Qorti tibda biex tosserva illi fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2022, wara li kienet saret talba mill-prosekuzzjoni biex tagħmel prova li l-mertu elevat u esibit in atti kien jikkonsisti f'sigaretti/tabakk, salv eżenzjoni mid-difiża, id-difiża iddikjarat li ma kienx hemm ħtieġa li jinħatar espert biex jeżamina l-oġġetti mertu tal-kawża u dan peress li, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe linja difensjonali, kien aċċettat li l-oġġetti in kwistjoni kienu sigaretti kontenenti tabakk.[19]

Is-sigaretti kienu kollha tal-marka 'Tradition,' liema marka ma kienitx tidħol fis-suq lokali b'mod legali u dan kif konfermat minn uffiċjal mit-*Tobacco Products Unit* fid-Dipartiment tad-Dwana li xehed f'dawn il-proċeduri u spjega kif saru l-kalkoli biex tinħadem it-taxxa globali li ġiet evitata fuq is-sigaretti mertu ta' din il-kawża.[20]

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat kien qiegħed waħdu meta ġie mwaqqaf mill-pulizija li dakinhar kienu qegħdin jagħmlu tfittxija għal persuna oħra mhux relatata ma' dan il-każ. Fil-parti ta' wara tal-vann kien hemm kaxxi bojod tal-kartun li dehru magħluqin.[21] Tali ċirkostanzi ftit li xejn iħallu dubju illi l-imputat f'dak il-mument, bħala s-sewwieq tal-vann, kellu pussess tal-vettura bit-tagħbija kollha tagħha. Għalhekk l-element materjali tar-reati kontemplati taħt il-Kap 37 u l-Kap 382, jirrikorri.

Dak li trid tiddetermina l-Qorti hu jekk jirrikorrix l-element morali tar-reat li skond il-ġurisprudenza nostrana jfisser mhux sempliċiment li l-imputat kien konxju tal-oġġetti fil-pussess tiegħu, iżda li d-dazju fuq dawk l-oġġetti ma kienx tħallas.

Fil-kawża **Il-Pulizija vs Anthony Vella,** li kienet titratta każ ta' bejgħ ta' xorb alkoħoliku li fuqu ma tħallasx id-dazju, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet:[22]

> Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-25 ta' Awwissu 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Axiaq** (kawza li kienet dwar sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju):

[19] Verbal a fol. 328A
[20] Fol. 321-323
[21] Fol.95
[22] Per S.T.O Prim Imħallef Vincent de Gaetano, seduta tat-23 ta' Lulju, 2010. Appell Numru 38/2009

> **"L-appellat certament laqa' ghandu, gie fil-pussess ta', u zamm oggetti li ma kienux hallsu dazju u ghalhekk certament jirrikorri l-element materjali tar-reat kontemplat fil-paragrafi (f) u (g) tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37. Kwantu ghall-element morali, din il-Qorti kellha diga` l-okkazjoni li tfisser li fir-rigward tal-imsemmija paragrafi (f) u (g) il-kelma 'xjentement' ma tfissirx semplicement li l-agent ikun konxju li qed jilqa' ghandu, izomm jew jigi fil-pussess ta' oggetti partikolari, izda tfisser li hu jkun jaf, jew messu ragjonevolment fic-cirkostanzi kien jaf, li d-dazju fuq dak l-oggett ma kienx gie mhallas – ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Raymond Buhagiar App.Krim. 12/9/1996; Il-Pulizija v. Anthony Gatt u Michael Azzopardi App. Krim. 5/3/1997.**

Dwar il-każ in eżami, il-Qorti għarblet il-provi kollha u ħasbet fit-tul partikolarment dwar l-ispjegazzjoni li ta l-imputat meta għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri fis-seduta tal-24 ta' Ġunju, 2024. Wara li għarblet u wieżnet dan kollu, l-Qorti hi tal-fehma illi x-xhieda tal-imputat hija attendibbli.

Quddiem din il-Qorti kif preseduta, l-imputat spjega għall-ewwel darba, kif dakinhar tal-arrest tiegħu kien intalab pjaċir minn persuna li hu identifika bħala Ġanni Azzopardi, magħruf bħala x-Xalun, li ltaqa' miegħu ġo ħanut tat-te` f'Ħal Qormi. Spjega illi Azzopardi talbu jwassallu vann li kien ipparkjat Ħal Farruġ sal-garaxx tal-istess Azzopardi fl-Imrieħel. Azzopardi qallu li kellu bżonn jagħmel qadja l-Imqabba u wara kien se jmur jiltaqa' mal-imputat ħdejn dak il-garaxx biex iwasslu lura sal-karozza tiegħu li l-imputat kien ħalla pparkjata Ħal Qormi. Iżda l-imputat qatt ma basar li minħabba dak il-pjaċir li aċċetta li jagħmel, kellu jispiċċa sitt snin tiela' u nieżel il-Qorti, jaffaċċja akkużi rigward allegat involviment tiegħu f'attività li kellha twassal biex jiġi defrodat l-Erarju. L-imputat insista illi Azzopardi qatt ma nformah dwar dawk l-oġġetti li kienu fil-vann. Kien biss wara l-inċident li wassal għall-arrest tiegħu li sar jaf b'kollox.[23]

Fil-fehma tal-Qorti, fid-dawl ta' din l-ispjegazzjoni dettaljatissima mogħtija *viva voce* mill-imputat innifsu taħt ġurament, il-każ jieħu xejra oħra. Ix-xhieda tal-imputat toħloq dubbju dwar kemm fil-fatt dakinhar tal-arrest tiegħu, hu kien jaf dwar il-kaxxi li kienu magħluqin fuq wara tal-vann, x'kien fihom u kemm, aktar u aktar, kien konxju illi dawn kienu sigaretti li fuqhom ma kienx tħallas d-dazju dovut. **Fin-nuqqas ta' dan l-għarfien, l-element morali tar-reat addebitat lill-imputat ma jirrikorrix**. Tali dubju jissaħħaħ meta l-ispjegazzjoni tal-imputat tiġi analizzata fid-dawl tal-komportament tax-xhud innifsu fuq il-pedana kif ukoll tal-assjem tal-provi mressqa quddiem il-Qorti, inkluża prova ġudizzjarja ppreżentata mill-abbli difiża dwar il-karattru dubjuż ta' dan l-istess Azzopardi li jidher li kien is-suġġett ta' investigazzjoni kriminali relatata ma' kuntrabandu.

---

[23] Fol. 364(C) – (E)

Il-Qorti tosserva, qabel xejn, illi d-dritt tas-silenzju ta' persuna suspettata u imputata b'aġir kriminali jibqa' dejjem sagrosant. Fil-każ in eżami, kien biss meta l-proċeduri waslu fl-istadju tad-difiża li l-imputat għażel li jeżerċita d-dritt li jixhed u jagħti l-verżjoni tiegħu kif kellu kull dritt jagħmel. Għalkemm ix-xhieda tiegħu ma teliminax għal kollox kwalunkwe dubju dwar dak li verament seħħ dakinhar qabel ma l-pulizija interċettat il-vann misjuq mill-imputat, il-Qorti temmen li meħuda ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u anke fid-dawl tal-komportament tax-xhud waqt ix-xhieda tiegħu, il-verżjoni tal-imputat probabbilment hija vera,. Kif osservat il-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino**[24]

> Ma hemmx bzonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur important ta' kredibilita` (ara Powell, On Evidence, p.505) .....

Il-Qorti tibda biex tgħid illi meta l-imputat tela' fuq il-pedana tax-xhieda, kien konsistenti u pjuttost konvinċenti ukoll meta affaċċjat b'mistoqsijiet in kontro-eżami, kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mill-Qorti kif preseduta. L-aktar mistoqsija ovvja kienet dwar għalfejn ma semmiex lil dan Azzopardi mill-ewwel malli ġie arrestat u minflok għażel li jistenna aktar minn sitt snin biex jagħmel dan. L-imputat spjega illi fil-mument tal-arrest, meta sab ruħu għall-għarrieda ċċirkondat minn pulizija armati u b'wiċċhom mgħotti, kien tant ixxokkjat li ma felaħx jitkellem. L-ispettur Arnaud fil-fatt xehed illi meta saqsa lill-imputat dwar ta' min kien il-vann, *a tempo vergine* dan wieġbu biss *"ma nafx."* Lanqas ma wieġeb meta staqsieh għad-dettalji personali tiegħu.[25] Wara li l-imputat ittieħed id-depot għal aktar investigazzjoni, irriżulta illi l-vann kien reġistrat f'isem ċertu Clyde Micallef li, meta mħarrek bħala xhud tal-prosekuzzjoni, spjega illi dik il-vettura ma kienitx taħt il-kontroll tiegħu għalkemm kienet baqgħet reġistrata f'ismu. Stqarr ukoll li ma kienx jaf lill-imputat.[26]

L-istess imputat kompla jispjega li kien ipprova jitkellem wara li ttieħed id-depot ftit wara l-arrest, u fil-fatt kien anke ta d-dettalji personali tiegħu lill-ispettur Kurt Zahra, iżda kien imwissi biex jistenna lill-avukati tiegħu qabel ma jipprova jitkellem. Mistoqsi għalfejn ma kien wieġeb għall-ebda domanda waqt iż-żewġ stqarrijiet li ttieħdulu, meta kellu kull ċans jispjega l-involviment ta' Azzopardi, l-imputat qal li hu kellu *"pariri mill-avukat."*[27] Kompla jispjega kif wara li nħeles mill-arrest, kien avviċina lil Azzopardi, mhux darba imma kemm-il darba. Xehed illi dan Azzopardi ma kienx ikellmu bil-mobile, anzi li ġieli ġiegħlu jwarrab il-mobile. L-imputat qal li kien ikollu jmur għand

[24] Per Onor. Imħallef William Harding. Deċiża nhar it-30 ta' Marzu, 1963.

[25] Fol. 95-96

[26] Fol. 203 - 205

[27] Fol. 364(E)

Azzopardi fil-garaxx tiegħu ġewwa Fleur-de-Lys biex ikellmu. Matul dawn il-laqgħat, Azzopardi kien urih biċ-ċar li seta' jiżloq faċilment minn kwalunkwe allegazzjoni magħmula fil-konfront tiegħu mill-imputat, tant li kien jheddu bil-kliem, *"ingiddbek lilek!"* [28] Fil-fatt, jidher li l-imputat tant emmen dik it-theddida li stqarr fix-xhieda tiegħu illi Azzopardi qatt ma mess il-vann u lanqas biss mess iċ-ċwievet dakinhar tal-inċident. Għalhekk, l-imputat kien konvint li Azzopardi *"seta' joħroġ minnha xħin irid."*[29] Meta Azzopardi miet xi xhur wara l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-imputat baqa' ma tkellimx għax ħass li kien ikun għalxejn. Mistoqsi mill-Qorti dwar għalfejn kien għażel li jieħu kollox fuqu, l-imputat jirraġuna u jirrispondi b'mod mhux daqshekk konvinċenti:

*"Mhux xorta kont nitressaq, Sinjura Maġistrat!"*[30]

M'hemmx dubju illi, wkoll jekk l-affarijiet ġraw kif stqarr l-imputat, huwa nnifsu kellu xi nuqqasijiet. Aċċetta li jagħmel dak il-pjaċir lil Azzopardi mingħajr ma ħaseb xejn dwar il-konsegwenzi w mingħajr ma ġieh suspett meta Azzopardi wasslu sa ħdejn il-vann, aktar u aktar meta sab illi l-vettura ma kienitx imsakkra. Fil-fatt hu spjega kif Azzopardi kien qallu biex jieħu ċ-ċavetta tal-vettura minn taħt it-tapit u baqa' jistenna sakemm raha lill-imputat jistartja. Jibqa' element ta' dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-verżjoni tal-imputat. Il-persuna implikata minnu, illum ilha mejta w għalhekk ma tistax tiġi ikkonfrontata b'dawn l-allegazzjonijiet tal-imputat. Hemm ukoll il-fattur tat-trapass ta' żmien, issa li għaddew seba' snin minn meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Iżda meta tanalizza u tiżen il-provi kollha, il-Qorti temmen illi d-dubju jxaqleb  favur l-imputat.

L-abbli difensuri tal-imputat ibbażaw il-linja difensjonali tagħhom fuq il-verżjoni tiegħu dwar kif Azzopardi talbu jwassal il-vann minn post għal ieħor mingħajr ma infurmah dwar dak li kien hemm ġol-vettura. Barra minn hekk, u biex isaħħu t-teżi tagħhom, ippreżentaw kopja ta' deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili per Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon fl-ismijiet **Dione Drago noè u Massimo Drago vs Il-Kontrollur tad-Dwana,** deċiża fid-29 ta' Novembru, 2018, li titfa' dawl fuq il-karattru tal-istess Azzopardi. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dik id-deċiżjoni u temmen li jkun opportun li f'dan l-istadju tirriproduċi silta minn dik id-deċiżjoni konsistenti f'rapport ta' xhieda mogħtija minn dan l-istess John Mary (sive Ġanni) Azzopardi fi proċeduri penali relatati mal-kawża ċivili appena ċitata.

[28] ibid
[29] ibid
[30] Fol.364F

F'dik il-kawża ċivili saret referenza għal proċeduri kriminali li kienu ttieħdu preċedentement fil-konfront ta' wieħed mir-rikorrenti, minħabba incident li fih kien involut l-istess Ġanni Azzopardi. Dak l-inċident kien jittratta tfittxija minn uffiċjali tad-Dwana ġo garaxx ta' Azzopardi, bħala parti minn operazzjoni aktar wiesgħa dwar kuntrabandu. Peress illi Azzopardi laħaq miet pendenti l-proċeduri ċivili, il-Prim` Awla tal-Qorti Ċivili għamlet referenza għax-xhieda tiegħu li kien ta fil-proċeduri kriminali kontra Massimo Drago li kienu rriżultaw f'liberatorja. Dik il-Qorti osservat is-segwenti:

> "Xehed illi kienet saret tfittxija mill-ufficjali tad-Dwana fil-garage tiegħu Hal Qormi minn fejn kienet elevata kwantita` ta' sigaretti. Kien xtara dawk is-sigaretti minghand Massimo Drago u hallsu Lm3,000.
>
> Fil-kontroezami, John Mary Azzopardi kkonferma illi dakinhar tal-kaz huwa kien miftiehem illi jiltaqa' ma' Massimo Drago ghaliex kien imhajjar jixtri l-van ta' Drago.
>
> Ippreciza li s-sigaretti li kien xtara minghand Drago kien madwar hmistax-il gurnata qabel l-incident mertu ta' din il-kawza.
>
> Kompla jippreciza li effettivament is-sigaretti ma kienx xtrahom kollha minghand Drago izda kien xtara wkoll minghand certu Raymond Agius.
>
> Stqarr illi dan Agius (illum mejjet) kien jheddu u kien ghalhekk illi qatt ma semmieh mal-Pulizija. Dan Agius fiz-zmien kien jimporta s-sigaretti u kien kompetitur ta' Drago."[31]

Fil-fehma tal-Qorti, din ix-xhieda ta' Azzopardi, kif irrapportata fid-deċiżjoni appena ċitata, titfa' dawl fuq l-involviment tal-istess xhud f'attività kummerċjali suspettuża, tant li l-garaxx tiegħu kien spiċċa fil-mira ta' investigazzjoni wiesgħa dwar kuntrabandu. Għalhekk dak li xehed l-imputat fil-każ odjern, meta qal li kien l-istess Azzopardi li qallu biex iwassallu dak il-vann, jieħu xejra aktar verosimili. Barra minn hekk, lil hinn mill-fatt illi l-imputat kien qiegħed isuq il-vann f'dak il-mument partikolari, imkien ma jirriżulta, lil hinn minn kull dubju raġonevoli, illi l-imputat kien jaf jew messu kien jaf li ġol-vann kien qed iġorr sigaretti li fuqhom ma tħallasx dazju. Għalhekk il-Qorti temmen illi ma jirrikorrix sal-grad rikjest mil-liġi l-element morali tar-reat.

Magħdud dan, il-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, mżewwqa b'diversi sejbien ta' ħtija dwar serq, offiżi ta' natura gravi, falsifikazzjoni w anke ta' prostituzzjoni ta' minuri, mill-ewwel tintebaħ għaliex Azzopardi għażel li jirrikorri għall-imputat li anke daq l-inkarċerazzjoni, biex isuqlu vann mimli sigaretti tal-kuntrabandu.

---

[31] Fol. 409-410

Għal fini ta' kompletezza, il-Qorti tosserva illi l-esperti forensiċi elevaw bosta dokumenti u oġġetti oħra mill-vann li kien qed jinstaq mill-imputat. Fost dawn ġew esibiti żewġ liċenzji tas-sewqan, waħda minnhom- maqsuma f'biċċtejn - kienet ta' terza persuna.[32] Il-prosekuzzjoni ma tefgħet l-ebda dawl fuq il-konnessjoni o meno ta' din il-persuna mal-vann li nstab fil-pussess tal-imputat.

Il-fatt li dawk id-dokumenti, li normalment jinġarru minn min ikun jagħmel użu regolari minn vettura partikolari, ma kinux isejħu lill-imputat, ikompli jsaħħaħ it-teżi tad-difiża illi l-imputat kien sempliċiment tqabbad jagħmel dak il-vjaġġ b'vettura li ma kienitx tiegħu u mingħajr ma kien infurmat dwar it-tagħbija li kien qed iġorr.

Saru wkoll eżamijiet forensiċi, kimiċi u viżwali, fuq il-kaxxi tal-kartun kontenenti s-sigaretti kif ukoll fuq il-vettura bin-numru LCV 017. Iżda l-Qorti tosserva illi għalkemm kienu żviluppati tmien impronti, skond dak li xehed espert forensiku, ma jidhirx li sar eżami ulterjuri komparattiv.[33] Tali eżami, kieku sar u taha riżultat pożittiv, seta' jistabbilixxi jekk l-imputat, f'xi ħin qabel l-arrest tiegħu, kienx mess dawk il-kaxxi jew għall-inqas aċċessa n-naħa ta' wara tal-vann. Riżultat pożittiv kien iservi bħala prova inkonfutabbli li l-imputat kien jaf dwar l-oġġetti ġol-vann u għalhekk seta' jobsor x'kien il-kontenut ta' dawk il-kaxxi bil-kelma '*Tradition*' miktuba fuqhom. L-unika kaxxa li nstabet fuq is-sedil tal-passiġġier kienet dik li waqgħet mill-bieba ta' wara waqt li l-vann kien qed jinstaq mill-uffiċjal investigattiv li ġabarha u poġġiha hemmhekk. Dan seħħ meta l-imputat kien diġà arrestat u fi triqtu lejn id-depot ġo karozza tal-pulizija.[34] Ladarba l-proċess huwa għal kollox sajjem minn tali prova u fid-dawl tax-xhieda tal-imputat, jibqa' jippersisti d-dubju dwar kemm huwa 'xjentement' wettaq l-għemil doluż addebitat lilu.

Mill-volum ta' esibiti preżentati mis-*Scene of Crime photographer,* jidher illi l-parti ta' wara tal-vann kienet separata mill-parti ta' quddiem fejn instab l-imputat fil-mument li twaqqaf mill-pulizija. L-istess ritratti juru li l-bieba ta' wara tal-vann kellha żewġ twieqi tal-ħġieġ li ma kinux trasparenti.[35] Fil-mument tal-arrest, l-imputat kien waħdu fil-vettura, l-kaxxi kollha kienu fuq wara tal-vann u kollha dehru magħluqin.[36]

Dakinhar tal-akkadut, il-pulizija kienu qed ifittxu dik il-vettura partikolari għaliex kienu qegħdin jassoċjawha ma' persuna partikolari relatata ma'

[32] Fol. 142-143
[33] Verbal u xhieda a fol. 222-226. **Dok. JS** a fol. 227-264
[34] Fol. 95-96
[35] Fol.107-108
[36] Fol. 95-96

investigazzjoni separata. Dik il-persuna żgur li ma kienitx l-imputat għaliex fil-fatt l-istess investigatur Arnaud stqarr illi meta waqqfu lill-imputat, mill-ewwel induna li ma kienx il-persuna li riedu f'dik l-investigazzjoni.[37] Dan il-fattur, flimkien ma' indizji oħra ġia` imsemmija, ikomplu jsaħħu t-teżi tad-difiża illi l-imputat kien tqabbad jagħmel vjaġġ b'vettura li ma kienitx tiegħu mingħajr ma ngħata l-ebda informazzjoni dwar l-oġġetti fuq wara tal-vann.

Meqjusa l-provi u ċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti mhix moralment konvinta illi l-prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi. F'dan il-każ, il-Qorti hi tal-fehma illi x-xhieda tal-imputat hija attendibbli u dan wara li qieset b'mod partikolari, dik ix-xhieda fil-kwadru tas-sentenza ppreżentata mill-abbli difensuri tiegħu fit-trattazzjoni finali tagħhom kif ukoll l-istess komportament tax-xhud.[38] Wieħed irid iżomm f'moħħu illi fil-każ tal-imputat, il-grad tal-prova huwa dak tal-probabbli u mhux 'l hemm minn kull dubju raġonevoli.

**Decide**

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kwalunkwe ħtija u piena.

Madankollu, in vista tad-dettami tal-liġi li timponi l-konfiska tal-oġġetti esibiti irrispettivament mis-sejbien ta' ħtija jew le, ladarba mill-provi jirriżulta illi d-dazju fuq dawn is-sigaretti ma tħallasx, a tenur tal-Artikolu 60(1)(a)(b)(k), 68(1) u 69 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdu għall-konfiska tassativa,

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oġġetti mertu ta' dawn il-proċeduri u cioe dawk indikati fis-Seizure Notes bin Numri 62/2018 u 63/2018, liema oġġetti diġà ġew rilaxxati favur id-Dwana ta' Malta ai termini tal-Artikolu 672 tal-Kodiċi Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

---

[37] Fol. 95
[38] Vide Verbal u trattazzjoni finali a fol. 393-395. **Dok. FD** a fol 396-423